



# F'Għeluq il-120 sena mill-Ewwel Festa sal-lum 1896 - 2016

*Kitba u tagħrif miġbur minn Alexander Pace Gouder*

Xtaqt u ħassejt li f'dan l-artiklu, barra milli nikteb dwar kif kienet tiġi ċċelebrata l-festa, nagħti ftit informazzjoni oħra dwar il-parroċċa tagħna.

## Il-wasla tal-Karmelitani fil-Balluta

Is-sena kienet 1858 meta l-Fratelli tal-Madonna tal-Karmnu tal-Belt Valletta irnexxielhom jibnu kappella fuq l-għalqa li kienet magħrufa dak iż-żmien bħala "tal-iljun"; għalqa li kienet imħollija lilhom bħala legat ta' żwieġ mis-Sinjura Madalena Cardona In Re. Din il-kappella damet tinbena disa' xhur u kienet ta' stil "*Longobard*".

Żdiedu n-nies u żdiedu d-djar. Kien għalhekk li din il-kappella bdiet tkun ta' għajnuna spiritwali, mhux biss lis-sajjieda u lill-bdiewa tal-Balluta, imma wkoll għal ħafna nies li issa kienu bdew imorru fis-sajf għal btala fil-Balluta. Dak iż-żmien, il-faċċata tal-kappella kienet żgħira u kellha kampnar wieħed fin-nofs. Għall-festa, kienet tkun armata bil-lampi taż-żejt u ftit antarjoli bil-bandieri fuq kull naħa tal-kappella. Il-kappella kienet f'nofs il-bini bil-parapetti li għadna naraw sal-lum. F'dik is-sena, il-Balluta Buildings ma kinux għadhom inbnew. Kienet is-sena 1877 meta l-fratelli raw kemm il-kappella saret popolari u għalhekk ma kinetx iżjed biżżejjed għan-nies li kienu jmorru fiha, speċjalment għall-quddies. Għalhekk, ħasbu u raw biex kabbruha u nbniet fuq stil Gotiku. FL-1899, il-Fratellanza tal-Karmnu tal-Belt Valletta taw il-knisja f'idejn il-patrijiet Karmelitani. Fl-1900, peress li din il-knisja kienet qiegħda ssir dejjem aktar popolari, il-patrijiet Karmelitani, bil-għajnuna ta' ħafna ħbieb u benefatturi, kabbru u taw bixra ġdida lil din il-knisja. Fl-1911, l-Arċisqof Mauro Caruana ikkonsagra l-knisja.

Mal-mixja tas-snin, il-popolazzjoni tal-Balluta kulma tmur kompliet tiżdied bil-mijiet, issa mhux aktar fix-xhur tas-sajf biss, imma matul is-sena kollha. Għaddew 47 sena u l-patrijiet qatgħu li jibnu knisja ġdida għall-popolazzjoni tal-Balluta - dik tal-lum. L-ewwel ġebla tqiegħdet fit-3 ta' Awwissu 1958 mill-Provinċjal, Patri Majjistru Carmelo Vella, li kien assistit mill-Pirjol, Patri Dijonisju Attard. Fl-1974, il-knisja tal-Madonna tal-Karmnu tal-Balluta saret parroċċa. Din il-knisja, li hija mibnija fuq stil "**Neo-Gotiku**" tlestiet fis-sena 1978 kif turi l-lapida kommemorattiva li tinsab mal-art fid-daħla tan-nofs tal-knisja bil-kliem "**Il-poplu t'Alla b'għeħ lill-Marija tal-Karmnu dan it-tempju tella', AD 1958-1978**".

## L-Istatwa Titulari

Fil-5 ta' Novembru 1779, fl-atti tan-Nutar Francesco Bovio, f'Napli, sar ftehim bejn is-Sur Pasquale Guido f'isem il-fratellanza u l-iskultur Gennaro Reale f'ismu; "biex sal-aħħar tax-xahar ta' Marzu 1780 jaħdem bl-akbar eżattezza u skont ir-regoli figura twila sitt ixbar u tliet kwarti u l-bażi tagħha tkun għolja nofs xiber; kollox skont il-mudell magħmul mit-tafal mill-istess skultur u bil-kundizzjoni li l-mudell jiġi mpitter kif trid tkun miżbugħa l-istatwa. Dan kollu għall-prezz ta' sebgħin dukat ta' Napli". Ix-xogħol tal-iskultura kellu jsir bl-assistenza u l-parir tal-Professur Carlo Mondicello. Il-konsulta ġenerali nżammet Malta fid-19 ta' Marzu 1780, fl-Oratorju tal-Fratelli tal-Belt Valletta u dan il-ftehim ġie approvat.

F'dak iż-żmien, fil-Belt Valletta, kienet teżisti statwa oħra tal-Madonna u għalhekk ġie stabbilit li peress li l-injam tal-pedistall ta' din l-istatwa kien għadu tajjeb, dan jintuża għall-pedistall ta' din l-istatwa l-ġdida. Ix-xogħol tal-injam ta' dan il-pedistall sar mill-mastrudaxxa Eugenio Borg.

Il-fratellanza ħallset lill-kaptan tax-

xwieni, Giacomo Burlo Corribo, biex ġabha minn Napli sa Malta fis-17 ta' Settembru 1780 fuq xini tal-Ordni ta' San Ġwann. L-istatwa waslet Malta injam biss, jiġifieri mingħajr induratura u żebgħa; xogħol li wara sar mill-pittur J. Antonio Grech li kien jaħdem fil-palazz tal-Gran Mastru ġewwa Sant' Anton. L-induratura saret minn Michele Galdes.

Din l-istatwa ħarġet għall-ewwel darba fil-purċissjoni li nżammet fil-Belt il-Ħadd, fost l-ottava tal-festa tal-Madonna Tal-Karmnu tas-sena 1782. Ġiet imbierka bis-solennità kollha u għall-okkażjoni ġiet ukoll esposta għall-qima tal-poplu fl-Oratorju tal-Konfraternità fil-Belt Valletta.

FIS-SENA 1890, IL-KONFRATERNITÀ TAL-KARMNU TAL-BELT VALLETTA TAW DIN L-ISTATWA LILL-PATRIJIET TAL-KARMNU TAL-BALLUTA.

## IL-FESTA (1896 – 2016)

### *Hekk bdiet il-festa*

Kienet is-sena 1896 meta nżammet fil-Balluta u f'San Ġiljan l-ewwel festa f'ġieħ il-Madonna tal-Karmnu, b'din l-istatwa ferm devota, li għadha tinsab fil-parroċċa tagħna tal-Karmnu tal-Balluta; u li llum toħroġ fil-purċissjoni fit-toroq tal-parroċċa. Din is-sena taħbat il-120 sena minn din l-ewwel festa.

Fis-snin tal-aħħar gwerra, Malta ġiet milquta ħafna. X'ġara fil-Balluta f'dan iż-żmien ta' gwerra?
- Kienet issir il-funzjoni fil-knisja filwaqt li l-vara tal-Madonna kienet tinżamm fix-xelter li kien jinsab taħt is-sagristija tal-knisja ta' dak iż-żmien. Il-mibki, is-Sur John Micallef kien kiteb hekk: "Il-Madonna kien jidher biss wiċċha għaliex kien hemm tieqa żgħira. Il-bqija kienet mgħottija bil-ġebel. Fil- festa kienet tintrama bix-xema u l-fjuri". Wara li spiċċat il-gwerra, reġgħet bdiet issir il-festa fit-toroq. Fiż-żmien ta' qabel il-gwerra, fil-festa kienet tintrama l-faċċata tal-knisja bit-tazzi kkuluriti mimlija biż-żejt. Wara l-gwerra dawn ġew eliminati u beda jintuża d-dawl elettroniku.

Fis-snin l-imgħoddija, il-festa kienet differenti minn tal-lum. La kien jeżisti grupp tal festa u lanqas każin tal-banda. Il-festa kienet tiġi organizzata minn wieħed mill-patrijiet u xi ftit nies li kienu jagħtu daqqa t'id. Il-bajja tal-Balluta kienet tkun armata bl-antarjoli u bil-ħaxix tal-liedna. Il-bini tal-Balluta (il-Balluta Buildings; li jiddominaw il-pjazza tal-Balluta) naturalment issa kien inbena u kien jintrama d-dawl fil-verandi u l-gallariji ta' dan il-bini sabiħ. Kien ukoll isir xi armar fi Triq il-Kulleġġ il-Qadim. Kienet tiġi armata l-faċċata tal-knisja li kienet tkun spettaklu sabiħ ħafna b'dawk il-ħafna bozoz kuluriti. Illum il-faċċata tiġi armata bil-bozoz bojod kif ukoll bil-*floodlights* u b'hekk tispikka aktar il-ġebla Maltija, bajdanija, tal-faċċata. Mad-dawra tal-knisja, in-naħa ta' barra tat-twieqi fuq il-bejt, jinxtelu *neolights* ta' kulur ikħal.

Illum il-purċissjoni tgħaddi minn diversi toroq u hawn ta' min isemmi li peress li l-parroċċa hija kbira, meta l-purċissjoni tasal in-naħa ta' fuq tal-parroċċa, din tgħaddi minn diversi toroq biex hekk titgawda mill-parruċċani.

Kienu jsiru marċi mill-baned barranin; wieħed kien isir is-Sibt u marċi minn żewġ baned oħra barranin il-Ħadd f'jum il-festa. Illum jiġu mistiedna baned oħra biex idoqqu fit-tlitt ijiem tat-tridu, filwaqt li l-Ġimgħa u s-Sibt filgħaxija kif ukoll il-Ħadd filgħodu u l-Ħadd filgħaxija, iddoqq il-banda tagħna; is-Soċjetà Mużikali tal-Karmnu Balluta.

Il-logħob tan-nar tal-art kien isir ħdejn il-pjazza tal-Balluta u wara, għal xi snin, ġie trasferit għal għalqa ħdejn il-baħar; li kienet magħrufa bħala ta' Puli li kienet tinsab fl-inħawi magħrufa issa bħala l-Exiles; fejn illum hemm ġnien pubbliku. Illum il-logħob tan-nar tal-art qed jerġa' jinżamm fil-ġenb tal-Pjazza tal-Balluta. In-nar tal-ajru f'dawn l-aħħar snin kien jittella' minn fuq barkun f'nofs il-bajja. Mis-sena l-oħra, dan qed jittella' minn fuq ċattri aktar viċin tal-art.

Lejlet il-festa kienet tiġi organizzata tellieqa tad-dgħajjes u nhar il-festa waranofsinhar kienet issir il-ġostra. Dawn illum m'għadhomx isiru.

Meta l-istatwa tal-Madonna tkun waslet biex tidħol lura fil-knisja, wara d-dawra mat-toroq tal-parroċċa, hija l-użanza li jsir diskors ta' tislima; u wkoll, is-Soċjetà Mużikali tal-Karmnu Balluta iddoqq diversi innijiet Marjani fosthom l-Ave Maria kif ukoll il-Kantata "Mater Décor Carmeli", kompożizzjoni tas-surmast tas-Soċjetà, Maestro Michael Borg.

Kien fl-1950 meta l-Pirjol Patri Tonin Vidal, li kien ukoll il-Prokuratur tal-festa, ħass il-ħtieġa li jwaqqaf l-ewwel grupp tal-festa; peress li f-1951 kienet sejra taħbat

is-sena ċentinarja minn meta l-Madonna tat il-Laptu lil San Xmun Stock. Dik is-sena kienet ġiet organizzata festa kbira. Għal dawn il-festi ċentinarji ġew armati ħafna toroq, barra dawk li kienet se tgħaddi minnhom il-purċissjoni. Kien hemm għall-ewwel darba diversi pavaljuni f'diversi toroq u sar ukoll sett ta' bandalori bil-qaddisin Karmelitani, għal ħdejn u quddiem il-knisja. Quddiem dak li kien id-Daina Garage, kif jingħad "kien hemm briju kbir, irdieden u musketterija". F'dik in-naħa, kienu jintramaw ħafna bnadar u liedna. Kienet ukoll tintrama kuruna biex kif tasal taħtha l-Madonna jinżlu ħafna karti. Għall-festi taċ-ċentinarju, bdew il-murtali tal-kulur u ġiet sparata aktar musketterija mis-soltu. Għal dawn il-festi kien inxtara xi armar mingħand tal-Karmnu tal-Belt, bħal kolonni, trofej u żewġ anġli għal fuq iz-zuntir tal-knisja. Rigward il-funzjonijiet għal dan iċ-ċentinarju tal-1951, saru ħafna preparazzjonijiet; fosthom kienu saru ħafna pellegrinaġġi minn diversi parroċċi minn Malta u Għawdex. Fl-aħħar Erbgħa tal-Udjenza ta' dik is-sena, filgħaxija, kienu ħarġu lil Ommna Marija tal-Karmelu fit-toroq tal-Bajja tal-Balluta. Kulħadd kien bix-xemgħa f'idejh u l-kant ma naqasx. Dan il-pellegrinaġġ kien suċċess kbir b'numru kbir ta' patrijiet u nies kif jixhdu r-ritratti meħuda dakinhar. Hekk bdiet tikber il-festa bil-għajnuna ta' ħafna voluntiera. Kulħadd jagħmel ħiltu biex tirnexxi. Illum it-toroq kollha jiġu armati bil-pavaljuni li nħadmu bil-għajnuna tal-parruċċani, u fuq kollox bis-sehem ta' ħafna żgħażagħ li jaħdmu minn sena għal sena.



## IL-BANDA

### *Il-festa llum kibret ħafna, iżjed u iżjed li l-Balluta għandha l-banda tagħha*

Kien nhar il-Ħadd, 26 ta' Lulju 1987 meta bdiet tiġi diskussa l-possibiltà li titwaqqaf banda fil-Balluta. Il-postijiet fejn fihom saru diversi laqgħat mill-fundaturi tas-Soċjetà kienu żewġ residenzi privati. Il-fundaturi tas-Soċjetà ddeċidew ukoll li għandu jinstab lokal biex iservi ta' każin. F'nofs Awwissu tal-1987, ġie akkwistat il-fond numru 12, Triq Sant'Elena. Nhar it-Tlieta , 29 ta' Settembru 1987, inżammet l-ewwel seduta tal-kumitat proviżorju fil-każin; f'liema seduta ġiet imwaqqfa s-Soċjetà Mużikali tal-Karmnu Balluta. Il-Ħadd, 18 ta' Ottubru, inżammet l-ewwel Seduta Generali fil-każin. Nhar it-23 ta' Lulju tas-sena 1988, sar il-ftuħ uffiċjali tal-ewwel każin u l-inawgurazzjoni tal-banda mill-ewwel President tas- Soċjetà, il-Wisq Reverendu Kappillan, Patri Raymond Calleja O.Carm. It-tberik tal-każin sar mill-Wisq Rev. Provinċjal ta' dak iż-żmien, Patri Leonard Mahoney O.Carm. Il-każin kien wieħed żgħir, b'żewġt ikmamar fil-kantuniera bejn Triq Sant'Elena u Triq Manuel Dimech fuq il-Corner Bar; jew aħjar fejn issa jinsab is-Sliema Supporters Club. Dan kien pass ta' spinta kbira 'l quddiem għall-festa. Il-Kumitat tas-Soċjetà wara ftit snin iddeċieda li jixtri ż-żewġ postijiet numru 7 u 8 fi Triq Sant'Elena, li llum huma l-każin preżenti; każin li ġie msemmi għall-Papa Ġwanni Pawlu t-Tieni.

Il-Banda tas-Soċjetà mit-twaqqif tagħha qiegħda tagħti kontribut kbir fil-festa, kemm bil-marċi brijużi akkumpanjati bil-briju tal-partitarji tal-kazin; kif ukoll il-programmi vokali u strumentali li kienu jinżammu kull sena f'lejlet il-festa fil-Pjazza tal-Balluta; u li issa qed issir fil-ġenb tal-pjazza fuq palk ikbar peress li n-numru tal-bandisti u strumenti maż-żmien kiber. Biex il-festa waslet f'dan il-livell kbir tal-lum, ta' min ifaħħar u nroddu ħajr lil dawk kollha li taw il-kontribut tagħhom matul iż-żminijiet. PROSIT LIL KULĦADD. Nawgura li din is-sena il-festa tkun ta' suċċess, kif dejjem kienet.

Nieħu din l-okkazjoni biex nawgura wkoll il-festa t-tajba lill-Komunità Karmelitana tal-Balluta; lil Pirjol; lill-Kappillan u lill-patrijiet kollha; lill-President u l-Kumitat tas-Soċjetà Mużikali tal Karmnu Balluta; lill-Membri tal-Kummissjoni Festa u lill-parruċċani kollha.

IL-FESTA T-TAJBA LIL KULĦADD.
GIEĦ U QIMA LILL-OMM U 'L-PATRUNA TAL-PARROĊĊA TAGĦNA, IL-MADONNA TAĦT IT-TITLU TAL-KARMELU.